# Il-qrati Jaqblu Mal-Kapitlu

## Kitba ta' SAL

Skond l-istatuti tal-Kolleġġjata Elenjana, approvati mill-Papa Urbanu VIII, kull meta jitbattal xi kanonikat, id-dritt li jagħżel is-suċċessur tiegħu hu riservat għall-Kapitlu. Għal dan il-għan, il-Kanċillier Kapitulari jippubblika l-Editti li jitwaħħlu wkoll fil-parroċċi filjali kollha ta' l-Arċimatriċi ta' Birkirkara, u li bihom jiġu mstiedna biex, fi żmien determinat, japplikaw dawk il-qassisin li jidhrilhom li jista' jkollhom dritt għall-kanonikat vakanti.

Ġie li jkunu diversi dawk li japplikaw, u kull wieħed minnhom jippreżenta d-dokumenti mitluba, inklużi l-kwalifiki tiegħu. Imbagħad il-Kapitlu, wara quddiesa ta' l-Ispirtu s-Santu, jingħalaq fl-Awla Kapitulari u b'voti sigrieti mitfugħa fil-boxxlu, jaħtar il-kanonku l-ġdid. Il-Kanċillier malajr jillesti l-ittra tan-nomina li tiġI mwassla uffiċjalment mill-mazzier tal-Kapitlu fid-dar tal-konkorrent elett, li mbagħad jgħarraf lill-Kurja ta' l-Isqof biex jingħata l-pussess kanonikali.

F'xi każi, meta żewġ konkorrenti jew aktar japplikaw flimkien, tista' tinqala' problema meta jkun hemm minnhom min ma jaqbilx ma' l-għażla tal-Kapitlu u jiftaħ kawża fil-Qrati Ċivili ta' Malta jew xi drabi wkoll fit-Tribunali tas-Santa Sede. Ġieli s-sentenzi mogħtija ġew ukoll appellati. Wara li l-qrati jkunu taw id-deċiżjonijiet tagħhom, li fihom dejjem ġew ikkonfermati l-elezzjonijiet kapitulari, il-proċess jitkompla sal-konklużjoni tiegħu.

Waħda minn dawn il-kawżi fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' Malta, li mbagħad marret quddiem il-Qorti ta' l-Appell, saret mitt sena ilu bejn Dun Karm Bezzina, magħruf bħala Ta' Musbieħ il-Lejl, u Dun Ġan Patist Casha, magħruf bħala Tad-Dinja, li kien jiġi z-ziju tal-Kanonku Dun Karm Pirotta, li miet xi snin ilu, u ħafna jiftakruh. Inġibu hawn fil-qosor xi punti minn din il-kawża.

* * *

Quddiem il-Prim Imħallef Sir A. Carbone, u quddiem l-Imħalldfin il-Baruni Alessandru Chapelle u G. Pullicino. Il-Qorti, wara li rat in-Nota ta' l-Appell taż-żewġ kontendenti Bezzina u Casha, u wara

li eżaminat diversi xhieda u semgħet id-difensuri tal-partijiet, osservat bl-attenzjoni kollha li:

• Skond il-Kap III ta' l-Istatuti tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, approvati mis-Santa Sede fit-2 ta' Settembru 1631, l-elezzjoni għall-kanonikati vakanti tinsab f'idejn il-Kapitlu, li jieħu d-deċiżjoni tiegħu bil-voti sigrieti f' Seduta formali.

• Bħalma qalet sewwa l-Qorti Ċivili fil-Prim' Awla, nhar it-3 ta' April 1906, il-Kapitlu ħa żewġ votazzjonijiet, waħda għal kull konkorrent. L-attur Bezzina ġieb 8 voti favur, 4 kontra u 1 newtrali; filwaqt li l-konvenut Casha kellu 9 favur u 4 kontra. Kien hemm 13-il kanonku preżenti u li vvutaw f'dik is-Sessjoni. Għalhekk ġie ddikjarat elett bħala kanonku il-konkorrent li ġab l-akbar għadd ta' voti favorevoli, jiġifieri Dun Patist Casha.

• B'din id-deċiżjoni Kapitulari, il-kontendent Bezzina ħassu milqut ħażin għaliex jirriżulta li għallanqas 4 mill-votanti xeħtu l-vot tagħhom tant għal wieħed kif ukoll għall-ieħor: ħaġa li m'għandhiex issir.

• Il-Kapitlu, f'din l-okkażjoni, mexa fuq dak li sar drabi oħra sa minn ħafna snin qabel, u ċertament sa mid-29 ta' Settembru 1829, u bħalma sar ukoll fit-30 ta' Lulju 1857, fit-2 ta' Ottubru 1885, fid-29 ta' Diċembru 1898 u fil-25 t' Ottubru 1904.

• Kienet tkun elezzjoni aktar ideali kieku l-Kapitlu mexa fuq is-sistema l-antika li kienet tintuża wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata. B'votazzjoni waħda kien joħroġ aktar biċ-ċar dak il-kandidat li jkun l-aktar jistħoqqlu, billi jġib l-akbar għadd ta' voti, filwaqt li kandidat jew kandidati oħra jibqgħu barra.

• Għalkemm tkun ħaġa mixtieqa li, f'dawn il-votazzjonijiet, il-Kapitlu jerġa' lura għas-sistema l-antika, b' danakollu ma jistax jingħad li l-mod kif qed isiru l-votazzjonijiet f'dawn l-aħħar żminijiet imur kontra xi liġi. Anzi hemm Kapitli oħra barra minn Malta, fejn il-votazzjoni ssir skond kif qed jagħmel bħalissa l-Kapitlu Elenjan.

• Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ta' l-Appell tiċħad in-Nota bl-argumenti ppreżentata minn Dun Karm Bezzina, u tilqa' r-risposta bir-raġunijiet mogħtija mill-konvenut Dun Patist Casha.

B'hekk il-Qorti Ċivili kkonfermat l-elezzjoni u l-ħatra tal-kanonku l-ġdid kif imwettqa mill-Kapitlu ta' Birkirkara, bis-saħħa tal-Liġi tal-Fundazzjoni tal-Kolleġġjata Elenjana.